**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 113/2015**

**Illum: 19 ta' April 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Janis Caruana**
**(ID 577785(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Janis Caruana iben Alexander u Mary Zammit nee` D'Amato, imwieled Pieta`, nhar it-22 ta' Novembru 1985, residenti 7, Flat 3, Triq San Patrizju, Valletta, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 577785(M);

Akkuzat talli nhar il-5 ta' April 2015 bejn l-ghaxra ta' filghaxija u nofs il-lejl (*22:00 Hours – 00.00 Hours*), gewwa l-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-

licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe` vettura bin-numru ta' registrazzjoni HBH-464 ghad-dannu ta' Alexander Caruana u terzi ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt ewro (€2,500), izda aktar minn mitejn u hamsin ewro (€250) u dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Ikkaguna biza' lil Alexander Caruana li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(m) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li

gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidhrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta` ta' Alexander Caruana jew biex tinzamm l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza u dan bi ksur tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidhrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta` ta' Alexander Caruana billi taghmel Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-imputat u dan bi ksur tal-Artikolu 328A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi l-imputat wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz huma s-segwenti:  Nhar il-5 ta' April 2015 ghall-habta tal-10.10 p.m., il-pulizija mill-Ghassa tal-Belt ircevew telefonata mill-*Control Room* u dan fis-sens illi certu Janis Caruana kien rega' mar ikisser gewwa r-residenza ta' missieru fi Triq San Patrizju, l-Belt, kif kien ghamel dakinhar stess wara nofsinhar.  Ghalhekk pulizija mill-Ghassa tal-Belt ossia WPS 3 Joanna Vella, PC 1244 Roderick Cilia u PC 1380 marru fit-triq imsemmija, fejn sabu lil certu Alexander Caruana fi stat ecitat u b'zarbuna f'idejh f'nofs ta' triq. Dan stqarr illi ibnu ossia Janis Caruana (l-imputat odjern) kien ghadu kif kissirlu l-*windscreen* tal-vann bin-numru ta' registrazzjoni HBH 464 b'daqqa ta' *helmet* u ghamel hsara f'parti mill-bieb tal-komun tal-appartament gewwa Triq San Patrizju, Valletta.  Qal ukoll illi ibnu kien taht l-effett tad-droga, li kellu turnavit fil-pussess tieghu u li heddu (ossia lil missieru) bih, fil-waqt illi talab lill-pulizija biex isibu lil ibnu bil-ghan li jintbaghat ghall-kura mill-vizzju tad-droga.  Qal ukoll illi ibnu kien qed isuq mutur tal-ghamla 'Gilera'.  Sussegwentement, minn stharrig li ghamlet il-

pulizija gie identifikat l-ghamla tal-mutur in kwistjoni bhala tal-marka ‘Piaggio’ bin-numru ta’ registrazzjoni FBU 631. Saru diversi rondi madwar il-Belt bl-iskop li jinstab Janis Caruana u eventwalment ghall-habta tal-11.20 p.m., pulizija mir-*Rapid Intervention Unit* ossia PC 626 Giancarlo Bennetti u PC 899 Jean Paul Vella intercettaw lill-istess Janis Caruana gewwa Triq l-Assedju l-Kbir, il-Belt u arrestawh. Waqt tfittxija fuq il-persuna tal-istess Janis Caruana minn PS 601 Justin Spiteri, instab qartas bi trab kannella. Fi Triq il-Lanca, vicin Triq l-Assedju l-Kbir, instab il-mutur tal-ghamla ‘Piaggio’ bin-numru ta’ registrazzjoni FBU 631 maqlub fuq il-genb tieghu, bic-cavetta fih u bl-*ignition* mixghula u fl-istess triq, instab turnavit mal-art.[1] L-imputat gie mehud gewwa l-Ghassa tal-Belt u gie interrogat fis-6 ta’ April 2015. Waqt l-interrogatorju tieghu, huwa ghazel li ma jwegibx ghall-mistoqsijiet li sarulu, kif kellu kull dritt li jaghmel skont il-ligi.[2]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta’ pussess semplici tad-droga eroina. Mix-xhieda ta’ PS 601 Justin Spiteri, jirrizulta car illi l-imputat instab fil-pussess ta’ qartas bi trab kannella. Fis-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti fis-27 ta’ April 2016, id-difiza ddikjarat li ma kienx necessarju li jinhatar espert sabiex janalizza s-sustanza esebita mill-Ufficjal Prosekutur dakinhar stess bhala s-sustanza misjuba fil-pussess tal-imputat u dan ghaliex, kif dikjarat mill-istess difiza, ma kinitx qeghda tikkontesta illi din is-sustanza kienet droga eroina.

Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Jirrizulta mix-xhieda ta’ WPS 3 Joanna Vella illi meta l-imputat kien qieghed gewwa l-Ghassa tal-Belt wara li kien gie arrestat, fil-presenza taghha, huwa qal is-segwenti kliem fil-konfront ta’ PS 1330: “*Hawn gew tikkmanda inti u barra nsibek jien*”.[3] Da parti tieghu, PS 1330 Alexander Schembri jixhed illi hekk kif huwa kien gewwa l-Ghassa tal-Belt, ghall-habta tal-11.40 p.m., fejn kien jinsab arrestat l-imputat, l-istess imputat gie skortat fil-bitha tal-istess ghassa sabiex ipejjep. Dak il-hin, ukoll gewwa l-ghassa, kien

---

[1] Ara x-xhieda ta’ WPS 3 Joanna Vella, a fol. 38 sa 43 tal-process; ix-xhieda ta’ PC 1244 Roderick Cilia, a fol. 48 sa 51 tal-process; ix-xhieda ta’ PS 601 Justin Spiteri, a fol. 52 sa 54 tal-process; ix-xhieda ta’ PC 1039 Marshall Mallia, a fol. 55 sa 57 tal-process; ix-xhieda ta’ PC 626 Giancarlo Bennetti, a fol. 62 sa 65 tal-process; u x-xhieda ta’ PC 899 Jean Paul Vella, a fol. 66 sa 73 tal-process;

[2] L-istqarrija tal-imputat tinsab esebita a fol. 22 u 23 tal-process.

[3] Ara x-xhieda a fol. 42 tal-process.

hemm terzi persuni jaghmlu rapport u dawn bdew jitkellmu mal-imputat. Ghalhekk skont ix-xhud, huwa gibdilhom l-attenzjoni li ma setghux jitkellmu mal-imputat stante illi dan kien taht arrest, ghal-liema diskors, l-istess imputat "*qabad joffendini gol-ghassa*" u qallu "*gol-ghassa tikkmanda inti u barra nikkmanda jien*" u "*xi darba gebel ma' gebel jiltaqa'*".[4] Jghid ukoll l-istess xhud meta mistoqsi kif l-imputat offendih illi dan "*beda joffendini b'o.. kemm ghandi*".[5] Skont PS 601 Justin Spiteri, li skorta lill-imputat gewwa l-Ghassa tal-Belt flimkien ma' PC 1039, sakemm kienu fl-ghassa, l-imputat kien vulgari fil-kliem tieghu u beda joffendi lill-pulizija, "*fizikament m'attakkaniex imma verbalment iva*"[6] u sussegwentement jispjega illi l-imputat beda "*jibghatna 'l hawn u 'l hemm*".[7]

Illi kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Catherine Grixti**, deciza fis-6 ta' Jannar 2016:

"*Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta' l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid, intenzjonat biex inaqqas il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.*

*Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.*

*Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa*
*ikun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:*

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria*

[4] A fol. 104 tal-process. Ara x-xhieda ta' PS 1330 Alexander Schembri, a fol. 103 sa 105 tal-process.
[5] A fol. 104 tal-process.
[6] A fol. 53 tal-process.
[7] A fol. 54 tal-process.

*una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

*Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat nexus bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika.*"

M'hemmx dubbju fl-ewwel lok illi l-kliem uzat mill-imputat u dirett lejn PS 1330 Alexander Schembri kien kliem ta' theddid kemm jekk wiehed jiehu kont tal-kliem indikat mill-istess PS 1330, kif ukoll jekk wiehed jiehu qies tal-kliem indikat minn WPS 3 li kienet prezenti ghal dan id-diskors, kif m'hemmx dubbju wkoll illi l-kliem li bih l-istess imputat offenda lil PS 1330 kien wiehed ingurjuz, intiz sabiex inaqqas il-gieh tal-pulizija li kien qed jaqdi dmiru. Lanqas ma hemm dubbju illi kemm it-theddida, kif ukoll l-ingurja saru lil PS 1330 fil-waqt illi kien qed jaqdi dmirijietu u proprju ghaliex kien qed jaqdi dawn id-dmirijiet, tant illi kif xehed huwa stess, dan il-kliem gie dirett fil-konfront tieghu proprju meta huwa waqqaf lil terzi persuni milli jitkellmu mal-imputat waqt li dan kien jinsab arrestat gewwa l-Ghassa tal-Belt.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-tieni imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata.

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' hsara volontarja fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HBH-464 ghad-dannu ta' Alexander Caruana u terzi persuni, ai termini tal-Artikolu 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif inghad izjed 'il fuq, kien l-istess Alexander Caruana li ghamel rapport lill-pulizija dwar il-hsara allegatament ikkagunata mill-imputat. Madankollu, meta mharrek mill-Prosekuzzjoni sabiex jixhed f'dawn il-proceduri, l-istess Alexander Caruana ghazel li ma jixhidx fil-konfront tal-istess imputat qua ibnu. Ghalhekk fir-rigward ta' din l-imputazzjoni jibqa' biss ix-xhieda tal-pulizija li rcevew ir-rapport minghand Alexander Caruana fis-sens illi ibnu l-imputat odjern kien ikkawzalu hsarat fuq il-*windscreen* tal-vann permezz ta' *helmet*, liema xhieda tammonta ghal *hearsay evidence* u taghmel biss prova diretta fir-rigward tal-kliem li ntqal minn Alexander Caruana u mhux tal-veracita` ta' tali kliem.

Ghaldaqstant fin-nuqqas ta' kwalsiasi prova ohra fir-rigward tal-allegata hsara kkawzata mill-imputat, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

L-istess irid jinghad fir-rigward tas-sitt imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, permezz ta' liema huwa qed jigi akkuzat bir-reat ikkontemplat fl-Artikolu

251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Anke hawn, il-Qorti tista' biss tqis ix-xhieda tal-Pulizija dwar ir-rapport li sar minn Alexander Caruana bhala prova li dak il-kliem intqal, izda mhux bhala prova tal-veracita` tieghu u ghaldaqstant, la darba Alexander Caruana baqa' ma xehedx f'dawn il-proceduri u fin-nuqqas ta' provi ohrajn li jissostanzjaw l-elementi ta' dan ir-reat, tqis illi din l-imputazzjoni lanqas ma tirrizulta ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz <u>tar-raba' imputazzjoni</u>, imbaghad, l-imputat qed jigi akkuzat talli garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta, minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija. Mill-provi prodotti, apparti illi jirrizulta illi fir-rapport tieghu lill-pulizija, Alexander Caruana qal illi ibnu l-imputat kien telaq minn fuq il-post b'mutur tal-marka 'Gilera' u illi fil-pussess tieghu kellu turnavit, liema kliem kif inghad baqa' ma giex ikkonfermat mill-istess Caruana bil-gurament f'dawn il-proceduri, jirrizulta mix-xhieda ta' PC 1244 Roderick Cilia illi wara li huwa mar fuq il-post sabiex jassisti lill-pulizija tal-RIU wara li dawn arrestaw lill-imputat fi Triq l-Assedju l-Kbir, il-Belt, flimkien mal-kollegi tieghu, huwa kompla tfittxijiet fiz-zona, nizlu fi Triq il-Lanca li tinsab vicin Triq l-Assedju l-Kbir u hemmhekk sabu mutur tal-ghamla 'Piaggio' bin-numru ta' registrazzjoni FBU 631, maqlub fuq genbu, bic-cavetta fih u bl-*ignition* mixghula. Jghid ukoll l-istess xhud illi fir-rampa tal-istess Triq il-Lanca, sabu wkoll turnavit li kien mal-art.[8] Da parti tieghu PC 626 Giancarlo Bennetti jghid illi wara li gie arrestat l-imputat, fil-vicinanzi "*Janis kien qed juza mutur tat-tip scooter u telqu hemm hekk, telqu faccata f'rampa li hemm tal-hanut Monalisa, instab il-mutur kif ukoll l-istrument li jaqta' li kien turnavit fil-vicinanzi ta' dan il-mutur. Dak elevawh pulizija ohrajn*".[9] Jghid madankollu illi huwa fl-ebda hin ma ra lill-imputat imiss it-turnavit. Dan apparti illi PC 899 Jean Paul Vella, li kien qed jakkumpanja lil PC 626, jghid ukoll fix-xhieda tieghu illi qabel twaqqaf l-imputat, huma rawh gew jigri lejhom fi Triq l-Assedju l-Kbir. Dwar dan il-Qorti tqis illi effettivament lanqas ingabet prova diretta mill-Prosekuzzjoni li l-mutur in kwistjoni kien jappartjeni jew kien jigi misjuq mill-imputat u wisq anqas illi t-turnavit li nstab kien fil-pussess tal-istess imputat. Hadd mill-pulizija prezenti ma ra t-turnavit f'idejn l-imputat, liema turnavit *del resto* lanqas ma nstab fil-mutur, izda fl-istess triq fejn instab il-mutur.

F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma tqisx illi r-raba' imputazzjoni migjuba kontra l-imputat giet ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

---

[8] Ara din ix-xhieda a fol. 50 tal-process.
[9] Ara din ix-xhieda a fol. 63 tal-process.

Permezz tal-hames imputazzjoni, l-imputat gie akkuzat ukoll bir-reat kontravvenzjonali taht l-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fis-sens illi huwa ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku. F'dan ir-rigward, wara li fliet l-atti processwali, il-Qorti ma sabet l-ebda prova li tissostanzja din l-imputazzjoni. Ma jirrizultax illi l-imputat inghata xi ordni mill-pulizija u li huwa ma obdiex din l-ordni. Ghalkemm kif inghad izjed 'il fuq, huwa ingurja u anke hedded lil PS 1330 meta dan waqqaf lil terzi persuni milli jitkellmu mal-imputat gewwa l-ghassa, madankollu, ma jirrizultax illi l-istess imputat m'obdiex l-ordni ta' PS 1330. In oltre ghalkemm PC 1039 Marshall Mallia jghid b'referenza ghat-tfittxija li saret fuq il-persuna tal-imputat, illi fil-bidu l-istess imputat ma tantx ikkopera, min-naha tieghu PS 601 Justin Spiteri li ghamel din it-tfittxija jghid illi ghalkemm l-imputat kien fi stat agitat, madankollu meta infurmah li kien ser jaghmillu tfittxija, l-istess imputat ikkollabora u ma offra l-ebda rezistenza.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement ippruvata.

Permezz tas-seba' imputazzjoni, imbaghad, l-imputat gie akkuzat ukoll talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku ai termini tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Rocco D'Alessandro** datata 20 ta' Mejju 2013:

" *... din il-Qorti tara li, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) tal-Art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', kemm b'risultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Naturalment dawn ic-cirkostanzi iridu jkunu tali li oggettivament inisslu l-imsemmi inkwiet jew thassib*."

F'dan il-kaz, il-Qorti tqis illi ghalkemm l-imputat uza kliem offensiv u ta' theddid fil-konfront ta' PS 1330 Alexander Schembri u skont PC 1039 beda joffendi lill-pulizija prezenti fl-ghassa, biss tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz ossia illi l-imputat kien jinsab arrestat gewwa l-Ghassa tal-pulizija tal-Belt, minkejja illi ma tantx jista' jkun hemm dubju illi tali kliem dejjaq lill-pulizija prezenti, biss ma giex ippruvat fil-grad rikjest mil-ligi illi dan holoq dak l-inkwiet jew thassib fis-sens li trid il-ligi.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement ippruvata.

Finalment permezz tat-tmien imputazzjoni, l-imputat qed jigi addebidat bir-recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs Janis Caruana', fl-14 ta' Mejju 2012. Minn din is-sentenza jirrizulta illi l-karta tal-identita` tal-imputat f'dak il-kaz huwa identiku ghal dak tal-imputat odjern u ghaldaqstant il-Qorti hija sodisfatta illi din is-sentenza nghatat proprju fil-konfront tieghu. Permezz tal-istess sentenza, l-imputat gie kkundannat ghal piena ta' wiehed u tletin xahar prigunerija effettiva. Ghaldaqstant, jirrizulta illi l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tqis fl-ewwel lok in-natura tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati, kif ukoll ic-cirkostanzi tal-kaz.

Tqis ukoll il-fedina penali ferm refrattarja tal-istess imputat, kif aggornata saz-zmien tal-kaz odjern, mil-liema jirrizulta illi huwa nstab hati u gie kkundannat dwar diversi reati fosthom pussess semplici tad-droga, traffikar ta' droga eroina (f'zewg okkazzjonijiet) u kokaina, serq aggravat (f'zewg okkazzjonijiet) u hsara volontarja (f'zewg okkazzjonijiet), reati bi ksur tal-Artikoli 95 u 96 tal-Kap. 9, attentat ta' serq aggravat, diversi reati kontravvenzjonali, reati bi ksur tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u ksur tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest.

Qieset ukoll illi mill-istess fedina penali jirrizulta wkoll illi dwar dawn ir-reati, l-imputat inghata liberazzjoni kundizzjonata f'zewg okkazzjonijiet, sentenza ta' prigunerija sospiza tliet darbiet, tnejn minnhom b'supervizjoni u sentenza ta' prigunerija effettiva f'erba' okkazzjonijiet (wahda minnhom flimkien ma' programm ta' rijabilitazzjoni), apparti pieni pekunjarji. Jidher ghalhekk illi minkejja li huwa nghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex jirriforma ruhu, l-imputat ma gharafx jaghmel uzu minn dawn l-opportunitajiet u xorta wahda baqa' jxellef diffrejh mal-gustizzja, primarjament ghaliex jidher illi huwa ghandu l-vizzju tad-droga u baqa' ma gharafx li jkun ta' gid ghalih illi jiehu l-ghajnuna sabiex jeghleb dan il-vizzju. Ghalkemm il-Qorti dejjem lesta li toffri l-ghajnuna fejn din tkun mehtiega u anke izjed minn darba, biss ma tistax thares

b'impunita` lejn min, minkejja d-diversi tentattivi li jsiru mieghu, jibqa' jghaddas rasu u jkompli miexi fit-triq tal-kriminalita`.

Qieset ukoll illi f'dawn il-proceduri, il-Qorti qeghdet lill-imputat taht Ordni Temporanja ta' Supervizjoni u dan proprju sabiex tipprovdi opportunita` ohra ta' ghajnuna lill-imputat sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga. Mix-xhieda tal-Ufficjal tal-*Probation* mahtura ghal dan il-ghan, madankollu, ma jistax jinghad illi l-imputat ghamel xi sforz sabiex jibbenefika minn din l-ghajnuna. Effettivament mix-xhieda ta' CO 116 Helenio Galea, jirrizulta illi fis-sena 2016, l-imputat dahal il-habs erba' darbiet u cioe` bejn l-14 ta' Frar 2016 u l-11 ta' Marzu 2016, bejn il-15 ta' Marzu 2016 u l-21 ta' April 2016, bejn is-27 ta' April 2016 u t-2 ta' Gunju 2016 u fid-19 ta' Lulju 2016. Huwa kien ghadu l-habs fid-data tax-xhieda tal-istess CO 116 ossia sat-18 ta' Novembru 2016. Il-Psikjatra Joseph Spiteri fix-xhieda tieghu tas-26 ta' Frar 2017, jghid illi l-imputat kien jattendi gewwa l-klinika privata tieghu b'mod regolari fis-sentejn ta' qabel u li kien rah sa Ottubru 2016. Madankollu jirrizulta car illi fil-maggor parti tas-sena 2016, l-imputat kien jinsab il-habs. In oltre ghalkemm l-istess xhud jikkonferma illi kien sar progress da parti tal-imputat, fix-xhieda tieghu tat-28 ta' Marzu 2018, Dr. Moses Camilleri, li ltaqa' l-ewwel darba mal-imputat fil-vesti tieghu ta' tabib gewwa d-*Detox Centre* u fi hdan l-Agenzija Sedqa fis-sena 2007, jghid illi l-livell tad-dipendenza fuq id-droga tal-istess imputat minn dakinhar sas-sena 2017 baqghet sejra ghall-aghar. Jghid illi huwa rah l-ahhar f'Dicembru 2017 meta l-istess imputat gie mheggeg sabiex jidhol gewwa l-*inpatient unit*. Ghalkemm l-imputat qabel li jaghmel dak rakkomandat lilu u effettivament dahal sabiex jircievi l-ghajnuna, huwa dam biss gimgha u minn hemmhekk Dr. Camilleri ma regax rah. Jghid illi l-ahhar li ra lill-imputat ossia f'Dicembru 2017, is-sitwazzjoni tieghu ma kinitx wahda tajba.

Fil-fehma tal-Qorti dawn il-fatturi flimkien jorbtu idejn il-Qorti li, fic-cirkostanzi tal-kaz, la darba l-imputat minkejja d-diversi opportunitajiet li nghata, ma kienx jaf jahtaf dawn l-opportunitajiet sabiex jirraddrizza hajtu, ma tqisx illi jibqaghlha alternattiva ohra ghajr li timponi piena ta' prigunerija effettiva. Jehtieg li l-imputat jifhem darba ghal dejjem illi jrid jghin ruhu u li jrid jaghmel l-almu tieghu jekk verament irid jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga. L-ghajnuna tal-professjonisti li din il-Qorti dejjem kienet disposta li tipprovdi, ma tiswa ghalxejn fin-nuqqas ta' impenn serju da parti tal-istess imputat. Minkejja li l-Qorti tifhem illi ma huwa facli xejn li wiehed jeghleb il-vizzju tad-droga, madankollu, dan ma jistax jitqies bhala xi forma ta' skuzant jew attenwant ghal min kontinwament jibqa' jikser il-ligi taht forma jew ohra, meta imbaghad lanqas ma jaghmel l-icken sforz sabiex jibdel hajtu.

Tqis ukoll fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, illi ma ngabitx prova mill-Prosekuzzjoni dwar il-piz tas-sustanza mertu tal-istess imputazzjoni u ghaldaqstant a bazi tal-principju illi kull dubbju ghandu jmur favur l-imputat, il-Qorti ser tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 95, 252(2) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tat-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu hati tal-ewwel, it-tieni u t-tmien imputazzjonijiet (ossia l-addebitu tar-recidiva) u tikkundannah fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni ghall-penali ta' mitt ewro (€100) u fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ghall-piena ta' xahrejn prigunerija effettiva – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat inzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li taghhom qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza - u multa ta' elf ewro (€1,000), liema multa ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kap 9 tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi l-hati ghandu jinghata l-kura u l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument DB8 u tat-turnavit esebit bhala Dokument DB9, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Fic-cirkostanzi tal-kaz u tenut kont tar-reati li dwarhom instab hati l-imputat, ma tqisx illi huwa necessarju illi tohrog Ordni ta' Trazzin sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Alexander Caruana, kif mitlub mill-Prosekuzzjoni. Minflok ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda torbot lill-hati

b'obbligazzjoni tieghu nniffsu sabiex la javvicina lil u lanqas ma jikkomunika direttament jew indirettament, ma' PS 1330 Alexander Schembri u dan taht penali ta' elf ewro (€1,000) ghall-perjodu ta' tnax-il xahar mil-lum.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat